**Rajtek fiha**

Kien jum twelidek
Fejn il-ferħ kien maqsum,
Hi fit-tbatija
Dan kif jista' ikun?

Fittixt li nieħu
Tweġiba biex nistrieħ,
minflok sibt il-ħajt
mistoqsijiet: Għaliex?

Għadha tant żgħira
Ġejjieni hemm quddiemi,
Kif għandha tgħaddi
Mill-mewġ u l-iljieli?

Inħares jien lejk
Kif naqra fil-Kitba,
Mqaddsa tiegħek
Dan żgur li mhux gidba.

Fejjaqt int tant nies?
Wettaq għeġubijiet?
Kif issa sieket
F'dawn jiem id-dlamijiet?

'Mma kemm lebbet u
Ġera, għaqqad moħħi,
Għaliex ta' bilfors
Tweġiba ridt oħti?

Tgħid jekk nazzarda
Niskot u ma ngħid xejn?
Jibqagħli il-għan
Li nistaqsi għalfejn?

Għax jekk int tinsab
Fil-morda int biha,
Tiftaħli qalbi
Biex jien narak fiha!

Patri Mario Attard OFM Cap
25 ta' Diċembru 2020